# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 230/2018**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Keith Farrugia**

Illum id-9 ta' Mejju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Keith Farrugia**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 441695(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fl-1 ta' Diċembru 2016 għall-ħabta tat-15.30hrs waqt li kien fl-inħawi ta' Selmun limiti tal-Mellieħa:

1. waqt staġun miftuħ għall-kaċċa ta' fuq l-art, kien qiegħed għall-kaċċa u kellu arma tan-nar li kellha kompartiment tal-iskrataċ li jista' jżomm aktar minn żewġt iskrataċ fl-istess ħin

u dan bi ksur ta' Regolament 18(2)(b) tal-A.L. 79/2006 hekk kif emendat;

2. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi waqt li kien qed jonsob jew jikkaċċja kellu fil-pussess tiegħu *bird caller* u dan bi ksur ta' Regolament 7(2) tal-L.S. 549.42;

3. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kkaċċja jew ipprova jikkaċċja, jieħu jew ipprova jieħu xi għasfur billi uża jew kellu fil-pussess tiegħu waqt attivita' ta' kaċċa jew insib xi gass jew xi apparat elettriku jew elettroniku, speċjalment l-użu ta' tisfir irrekordjat minn qabel ta' għasafar u dan bi ksur ta' Regolament 7(1)(d) tal-L.S. 549.42.

Il-Qorti ġiet mitluba li barra milli tagħti l-piena skont il-liġi tordna l-konfiska tal-oġġetti eżebiti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-2 ta' Mejju 2018 fejn il-Qorti, wara li rat Regolamenti 7(1)(d), 7(2) u 18(2)(b) tal-Leġisazzjoni Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrih u kkundannatu jħallas multa ta' seba' mitt Euro (€700) u kif ukoll issospendiet il-liċenzja għal sentejn.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-18 ta' Lulju 2018 fejn talab lil din l-Qorti sabiex: *"tilqa' dan l-appell billi* ***TĦASSAR U TIRREVOKA*** *s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellanti ħati tal-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu, u dan billi* **TIDDIKJARAH** *mhux ħati tagħhom u konsegwentement* **TILLIBERAH** *minnhom,* ***<u>alternattivament</u>*** ***TIRRIFORMA*** *s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi jkun opportun li f'dan l-istadju din il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li jirriżulta mill-atti proċesswali. Minn dawn l-atti, jirriżultaw, fost l-oħrajn, is-segwenti:

- Affidavit ta' **PC 16 E. Zammit** (*a fol.* 10 *et seq.*) fejn jingħad li fl-1 ta' Diċembru 2016 għall-ħabta tat-3.20pm waqt li hu kien xogħol flimkien ma' PC 1438 E. Zerafa, PC 1057 N. Camilleri u PC 1178 C. Cutajar irċevew telefonata mill-*control room* tal-Pulizija fejn ġie rapportat li fil-bajja ta' Selmun kien hemm xi persuni għall-kaċċa li kienu qed jagħmlu użu minn *bird caller*. Jgħid li huma marru fuq il-post fejn sabu żewġ persuni li wieħed minnhom kien Keith Farrugia. Jgħid li għamlu spezzjoni u fejn innutaw li kien hemm kaxxa tal-injam li fiha kien hemm *bird caller* (*stereo* tal-vetturi S/N:MVH/170UB), *speaker* iswed u *remote* sewda, liema kaxxa kienet tinsab fejn dura. Jgħid li spezzjonaw iż-zewġt isnieter fejn irriżulta li fil-kompartiment ta' isfel tat-tnejn li huma kienu jieħdu aktar minn żewġt iskrataċ. Jgħid li Keith Farrugia kien stqarr magħhom li l-imsemmi *bird caller* kien tiegħu u li l-*bird caller* inżamm ġewwa d-depot.

- Affidavit ta' **PS 1438 E. Zerafa** (*a fol.* 15) li pratikament fih l-istess dettalji mogħtija fl-affidavit ta' PC 16 E. Zammit. Fih jingħad li l-Pulizija kienu għamlu spezzjoni tas-snieter u ndunaw li ż-żewġ snieter kienu bla ħadida u fihom setgħu jidħlu aktar minn żewġt iskrataċ fil-kompartiment ta' isfel. Jgħid li meta l-Pulizija staqsiet ta' min kien il-*bird caller,* Keith Farrugia qal li kien tiegħu. Jispjega li Farrugia kien infurmat li ser jinħarġu multi amministrattivi fil-konfront tiegħu u li milli jidher ma kienx ħallas il-multa u għalhekk il-*Wild Birds Regulation Unit* talbet lill-Pulizija sabiex tieħu passi kontra tiegħu.

- *A fol.* 18 tal-proċess hemm kopja ta' ittra datata 19 ta' Diċembru 2016 maħruġa mill-*Wild Birds Regulation Unit* sabiex Keith Farrugia jħallas il-multa amministrattiva. Fuq kopja oħra tal-ittra (*a fol.* 20) hemm miktub bil-kitba li ġie mitkellem fis-26 ta' Jannar 2017 fis-2.38pm u fejn ingħata permess sabiex jissettilja sas-27 ta' Jannar 2017. *A fol.* 21 tidher riċevuta ta' posta reġistrata u skont *email* tal-31 ta' Jannar 2017 (*a fol.* 22) jidher li l-appellant kien ikkuntattjat aktar minn darba biex iħallas il-multa.

- **Josef Camilleri** (*a fol.* 40 *et seq.*) xehed li xi żmien qabel huwa kien addett mal-*Wild Birds Regulation Unit* u li hu kien tela' jixhed bħala rappreżentant tal-istess. Huwa kkonferma li kienet intbagħtet korrispondenza lill-appellant sabiex iħallas il-multa amministrattiva u li din kienet intbagħtet mill-kap tal-uffiċċju. Jgħid li l-għan ta' dawn il-multi amministrattivi kien biex titnaqqas il-burokrazija fil-Qorti b'dan illi jittieħdu passi l-Qorti jekk il-multa tibqa' ma titħallasx. Jgħid li l-appellant kien irċeviha bil-*pink card*.

**Ikkunsidrat**

Illi l-<u>ewwel aggravju</u> tal-appellant huwa li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi prodotti u tal-liġi applikabbli fir-rigward tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu.

Jissottometti li l-affidavits tal-Pulizija huma inammissibbli bħala prova u li hu mhux tenut li jressaq ebda prova biex jipprova l-innoċenza tiegħu b'dan illi hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-każ tagħha 'l hinn kull dubju raġonevoli. Jilmenta li fl-affidavits iż-żewġ pulizija jgħidu li tkellmu miegħu iżda ma jgħidux li meta marru fuq il-post u qabel kellmuh tawh id-dritt li jieħu parir minn għand avukat tal-fiduċja tiegħu. Jgħid li fiż-żmien meta kien investigat il-liġi kienet tipprovdi għad-dritt tal-assistenza legali ladarba kienu ser jinħarġu imputazzjonijiet kontra tiegħu. Jgħid li dan imur kontra d-drittijiet fundamentali tiegħu skont Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u li dan huwa skont ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Jisħaq li għaldaqstant għandu jkun liberat minn kull imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu.

Illi din il-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali jirriżultaw l-affidavits li l-appellant qed jissottometti għandhom ikunu skartati. Jibda billi jingħad li l-affidavits mill-Pulizija huma aċċettabbli fis-sistema tagħna u li l-appellant kellu kull dritt li jitlob li jsir il-kontro-eżami taż-żewġ Pulizija li xehdu bl-affidavit. Mill-atti ma jirriżultax li huwa talab li jagħmel il-kontro-eżami tagħhom.

Illi dwar dak sottomess mill-appellant meta jgħid li kellu kull dritt li jkollu avukat biex jassistih u li ma jidhirx li dan sar jew li hu kien mgħarraf b'dan il-jedd, din il-Qorti tinnota li mill-affidavits minn imkien ma jirriżulta li l-appellant kien arrestat fil-ħin meta kien avviċinat mill-Pulizija. Minn naħa l-oħra l-każijiet kollha tal-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li semma l-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu huma dwar persuni li kienu arrestati meta għamlu ċertu stqarrijiet. Ma' dan il-Qorti żżid tgħid li Regolament 1(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 9.24 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra hekk:

> "Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti u tas-Subtitolu IX tat-Titolu I tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Kriminali li jittrasponi d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2013/48/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22

ta' Ottubru, 2013 dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat fi proċedimenti kriminali u fi proċedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari matul iċ-ċaħda tal-libertà, ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fis-6 ta' Novembru, 2013 (L 294/1) "interrogazzjoni", skont id-Direttiva msemmija, **ma tinkludix** interrogazzjoni preliminari mill-pulizija jew minn awtorità oħra tal-infurzar tal-liġi li l-għan tagħha jkun li tidentifika l-persuna konċernata, li tivverifika l-pussess ta' armi jew kwistjonijiet simili oħra ta' sikurezza jew li tiddetermina jekk għandhiex tinbeda investigazzjoni, per eżempju waqt li jsir kontroll fit-triq, jew matul kontrolli regolari għall-għarrieda meta persuna suspettata jew akkużata ma tkunx għadha ġiet identifikata." [emfażi miżjuda]

Illi fil-mument meta kien avviċinat l-appellant huwa ma kienx arrestat u lanqas kien ser jagħmel jew għamel xi stqarrija u lanqas kien f'xi interrogazzjoni formali. Anke kieku għall-grazzja tal-argument din il-Qorti kellha tiskarta dik il-parti tal-affidavits taż-żewġ Pulizija fejn jingħad dak li qalilhom l-appellant għandu jingħad li huwa biżżejjed li persuna jinsab fil-pussess ta' *bird caller* jew ta' *senter* u mhux jekk huwiex is-sid jew le ta' dawn l-oġġetti. Skont l-affidavits dawn l-oġġetti nstabu proprju fil-pussess tal-appellant u għalhekk ir-reat jissusisti indipendentement minn kwalunkwe kliem li ntuża biex l-appellant jindika minn kien is-sid. Il-bażi tas-sejbien ta' ħtija huwa mhux x'qal l-appellant lill-Pulizija iżda xraw l-istess Pulizija meta marru fuq il-post!

Għaldaqstant, tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, isegwi li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta sabet ħtija fl-appellant fir-rigward tat-tliet imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu u b'hekk din il-Qorti qed tiċħad l-ewwel aggravju tal-appellant.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tieni aggravju tal-appellant huwa dwar il-piena. Huwa jissottometti li l-multa u l-iskwalifika tal-liċenzja għal żmien sentejn hija sproporzjonata u jsostni li l-piena għandu jkollha skop riformattiv. Jgħid li r-reati huma minimi u li l-multa hija kbira wisq u l-iskwalifika tal-liċenzja għal perjodu ta' sentejn hija wkoll eżaġerata. Jitob li din il-Qorti tnaqqas il-piena erogata mill-Ewwel Qorti.

Illi din il-Qorti kkunsidrat li dak li tiddisponi bħala piena l-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.42 tal-Liġijiet ta' Malta fir-rigward tal-imputazzjonijiet li tagħhom l-appellant instab ħati u jidhrilha li ma hemmx lok li tvarja l-piena nflitta mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellant u dana peress li din il-piena erogata minnha hija fil-parametri tal-liġi. B'hekk isegwi li anke t-tieni aggravju tal-appellant qed ikun miċħud ukoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Keith Farrugia u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha b'dan illi fir-rigward ta' dik il-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Qorti ordnat is-*"sospensjoni tal-liċenzja għal sentejn"* qed jiġi speċifikat li minħabba d-dħul fis-seħħ fil-mori tal-appell tal-emendi bl-Avviż Legali 86 tal-2022 li ġiet aktar favorevoli għall-appellant, b'hekk hu għandu jibbenefika minn tali emenda u għaldaqstant is-sospensjoni għal sentejn għandha tkun fir-rigward tal-liċenzja jew permess rilevanti maħruġa taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija.

| | |
|---|---|
| **Onor. Dr. Neville Camilleri** | **Alexia Attard** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |